MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 19/2019 LM

**Maria Dolores Grech (K.I. numru 364265M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni tal-15 ta'

Ottubru, 2019, numru 386/19 [minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”] mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa ’l quddiem “l-Arbitru”], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa’ l-appell ta’ **Maria Dolores Grech** [minn issa ’l quddiem “l-appellata”] kontra l-appellant għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, filwaqt li ordna lill-istess appellant sabiex jirrevoka d-deċiżjonijiet tiegħu tat-3 ta’ Settembru, 2012, u dik tal-1 ta’ Ottubru, 2012, u jkompli jagħti l-Għajnuna Soċjali lill-appellata.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-appellant tal-1 ta’ Ottubru, 2012, fejn ġie deċiż li l-appellata kienet tħallset żejjed l-ammont ta’ €33,436.78 għall-perijodu li kien jibda fis-7 ta’ Jannar, 2006, u li jispiċċa fit-28 ta’ Settembru, 2019, rappreżentanti Għajnuna Soċjali. Ir-raġuni li ngħatat mill-appellant kienet li r-riżorsi tagħha kienu jeċċedu l-€14,000. Fil-mori tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, l-appellant ippreżenta nota fejn iddikjara li huwa kien irreveda l-każ u b’hekk naqqas il-ħlas żejjed għas-somma ta’ €22,337.89 u dan stante li l-perijodu relattiv kien ikopri ż-żmien bejn is-7 ta’ Jannar, 2006, u t-30 ta’ Settembru, 2010.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem l-Arbitru permezz ta’ ittra tad-19 ta’ Ottubru, 2012, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tal-appellant. Dan

tal-aħħar wieġeb fit-2 ta' Ġunju, 2013, fejn laqa' billi qal li d-deċiżjoni tiegħu tat-3 ta' Settembru, 2012, kienet waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma filwaqt li spjega r-raġunijiet għal dan. L-Arbitru ċaħad l-appell fid-9 ta' Awwissu, 2013, iżda permezz ta' sentenza tat-30 ta' Settembru, 2015, Appell numru 14/2013, din il-Qorti, kif diversament preseduta, annullat d-deċiżjoni u bagħtet l-atti lura għand l-Arbitru sabiex tingħata deċiżjoni motivata.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata għar-raġunijiet li huwa fisser fid-deċiżjoni numru 386/19 li qed tiġi riprodotta hawnhekk kif ġej:

*"Ikkunsidra*

*Illi l-appellanti hija legalment isseparata u kienet benefiċjarja tal-Għajnuna Soċjali sat-28 ta' Settembru 2012;*

*Illi fit-3 ta' Settembru 2012, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali nforma lill-appellanti li hija ma kinitx aktar intitolata għal Għajnuna Soċjali għaliex il-valur kapitali tal-proprjetà tal-membri kollha tal-familja tal-appellanti huwa aktar min €14,000;*

*Illi fis-17 ta' Settembru 2012, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva l-appell intavolat mill-appellanti għad-deċiżjoni datata 3 ta' Settembru 2012;*

*Illi fl-1 ta' Ottubru 2012, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali nforma lill-appellanti illi hija kienet tħallset iżżejjed is-somma ta' €33,436.78 fil-Għajnuna Soċjali li rċiviet mid-Dipartiment għall-perijodu bejn is-7 ta' Jannar 2006 u t-28 ta' Settembru 2012 għaliex il-kapital tal-appellanti jeċċedi dak stipulat mil-Liġi;*

*Illi fl-24 t'Ottubru 2012, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva l-appell intavolat mill-appellanti għad-deċiżjoni datata 1 t'Ottubru 2012;*

*Illi fit-22 ta' Mejju 2013, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva t-talba tal-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali għall-estenzjoni ta' żmien;*

*Illi fit-30 ta' Lulju 2013, l-Uffiċċju tal-Arbitru ra r-risposta tal-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali għad-deċiżjoni sopraċitata, fejn spjega illi din l-Għajnuna Soċjali ġiet mwaqqfa għar-raġuni li minn stħarriġ li kien għamel id-Dipartiment kien irriżulta li fi-lfatt l-appellanti kienet biegħet proprjetajiet, jew parti minnhom, li l-appellanti kienet wirtet, liema proprjetajiet nbiegħu bejn it-2 ta' Ġunju, 2005 u s-6 ta' Novembru 2006, liema bejgħ jidher li qatt ma kien ġie rrappurtat/iddikjarat mill-appellanti lid-Dipartiment kif kienet obbligata li tagħmel, u fejn sehem l-appellanti mir-rikavat ta' dan il-bejgħ flimkien mal-kapital kif ikkalkulat mid-Dipartiment li l-appellanti diġà kellha, eċċeda l-limitu ta' €14,000;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2016, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva l-appell intavolat mill-Avukat Vincent Galea għan-nom tal-appellanti fejn ġibed l-attenzjoni tal-Arbitru għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' Settembru, 2015, bin-numri 14/2013 u 15/2013 fl-ismijiet Maria Dolores Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali, li permezz tagħhom il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellanti u ordnat illi l-atti jintbagħtu lura għand l-Arbitru sabiex tingħata deċiżjoni motivata skont il-liġi;*

*Illi waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju 2016, l-appellat Dipartiment ippreżenta kopja tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Appell, flimkien ma' kopja tas-sentenza fl-ismijiet Maria Dolores Grech v. Direttur tas-Sigurta' Soċjali, datata 30 ta' Settembru 2015, quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), appell numru 15/2013;*

*Illi fil-25 t'Awwissu 2016, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva n-nota risponsiva mill-appellat Direttur Ġenerali fejn spjega li d-Dipartiment ra r-riċevuti ezebiti mill-Avukat Vincent Galea, u tlesta prospett li juri li meta jiġu magħdudin flimkien ir-riċevuti kollha ppreżentati u mnaqqsa mis-somma oriġinali, xorta l-appellanti tibqa' teċċedi l-ammont ta' €14,000 skont Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex:*

- *Total ta' Riċevuti Aċċettati - €84,677.38*
- *Differenza bejn dħul mill-bejgħ (€149,080) u riċevuti ppreżentati - €64,402.62*
- *Spejjeż tal-Ħajja bejn 07/01/2006 u 28/09/2012 (81 Xahar) - €38,070*
- *Differenza €26,332.62*

*Illi waqt is-seduta tal-20 ta' Settembru 2016, xehdet l-appellanti stess li bil-ġurament tagħha stess spjegat kif l-appellanti kienet infurmat lir-rappreżentant tad-dipartiment li hija kienet itterminat ix-xogħol tagħha stess lejn nofs is-sena tal-2003;*

*Illi fit-22 ta' Novembru 2016, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva nota risponsiva mill-appellat Direttur Ġenerali fejn spjega 'illi bħala spejjeż tal-ħajja (*cost of living expenses*), id-Dipartiment ma jistax imur lura aktar mis-6 ta' Jannar 2006, ċioe' mid-data tal-applikazzjoni tal-appellanti għall-Għajnuna Soċjali, filwaqt li ppreżenta prospett fejn ġew immarkati dawk ir-riċevuti mhux fiskali li d-Dipartiment ma jieħux in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni finali tiegħu. Għaldaqstant id-Direttur Ġenerali kompla jsostni u jaderixxi mal-kontenut tar-risposti tiegħu;*

*Illi waqt is-seduta tal-25 t'April 2017, xehdet l-appellanti li bil-ġurament tagħha stess ppreżentat kuntratt ta' bejgħ u appalt magħmul mill-appellanti stess ma' ċertu CMG Developers Ltd;*

*Illi fis-6 ta' Frar 2018, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva n-nota risponsiva mill-appellat Direttur Ġenerali fejn spjega illi d-dokument anness ma' din ir-risposta jikkonferma li d-Dipartiment ħa jkompli jsostni u jaderixxi mal-kontenut tar-risposta tiegħu u għaldaqstant mhux ħa jikkunsidra l-ispejjeż tal-ħajja għall-perijodu li jikkonċerna dan l-appell għaliex l-appellanti baqgħet teċċedi l-kapital konsentit mill-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi fl-1 ta' Ottubru 2018, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva n-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-Avukat Alan Zerafa għan-nom tal-appellanti fejn spjega s-segwenti:*

- *<u>11 ta' Ġunju 2003</u> – L-appellanti kienet ġiet iddikjarata bħala l-uniku eredi ta' ommha Maria Iris Grech, fejn l-appellanti wirtet l-ammont ta' Lm11,500 (ekwivalenti għal **€27,787.80**);*
- *<u>26 ta' Awwissu 2003</u> – L-appellanti ffirmat kuntratt ta' firda konsenswali minn ma żewġha John Farrugia, fejn ġie miftihem illi l-appellanti kellha tħallas lil żewġha s-somma ta' Lm4,000 (ekwivalenti għal **€9,317.49**) għal benefikati magħmulin fil-fond matrimonjali;*
- *Illi permezz ta' klawżola fl-istess kuntratt ta' firda konsenwali, l-appellanti assumiet dejn li kien hemm mal-Bank of Valletta ta' ċirka Lm3,500 (ekwivalenti għal **€8,152**);*
- *<u>Ottubru 2003</u> – L-appellanti resqet applikazzjoni mal-MEPA għall-kostruzzjoni ta' żewġ appartamenti fuq il-fond li kien ġie lilha b'wirt mingħand ommha u ċioe' mingħand Maria Iris Grech. Ma' dawn l-applikazzjonijiet l-appellanti ħallset is-somma komplessiva ta' Lm490 (ekwivalenti għal **€1,141**);*
- *<u>20 ta' Lulju 2004</u> – L-appellanti biegħet u assenjat id-dar matrimonjali tagħha u ta' żewġha għal prezz ta' Lm33,000 (ekwivalenti għal **€76,869**);*

- *<u>22 ta' Lulju 2004</u> – L-appellanti ħallset is-somma ta' Lm325 (ekwivalenti għal* ***€757.05****) bħala senserija fuq il-bejgħ tal-imsemmija dar matrimonjali;*
- *<u>22 ta' Ġunju 2005</u> – L-appellanti biegħet u trasferixxit permezz ta' kuntratt ta' bejgħ a favur tal-kumpannija C.M.G. Developers Limited il-proprjetà mill-ħdax-il filata kalkolabbli mill-ogħla livell tas-sit okkupat mid-dar numru 61A, ix-Xatt, il-Kalkara għall-prezz ta' Lm7,000 (ekwivalenti għal* ***€16,306****);*
- *Illi permezz tat-tieni parti tal-kuntratt surreferit, l-appellanti tat lil-kumpanija C.M.G. Developers Limited appalt għad-demolizzjoni tad-dar imsemmija u l-bini ta' terran u mezzanin minflokha. Il-prezz ta' dan l-appalt kien ta' Lm10,000 (ekwivalenti għal* ***€23,293****), fejn l-appellanti kienet ħarġet is-somma ta' Lm3,000 (ekwivalenti għal* ***€6,988****);*
- *<u>6 ta' Novembru 2006</u> – L-appellanti biegħet u assenjat il-fond ossia appartamenti internament bl-indirizz 61A, Triq ix-Xatt, Kalkara mingħajr arja għall-prezz ta' Lm24,000 (ekwivalenti għal* ***€55,905****);*
- *Illi fil-frattemp l-appellanti qabdet diversi ħaddiema sabiex isiru xogħlijiet neċessarji għal kostruzzjoni tal-appartamenti fuq il-fond li kien ġie lilha b'wirt mingħand ommha, u ċioe' mingħand Maria Iris Grech. Għaldaqstant l-appellanti daħlet f'diversi spejjeż u nefqet ħafna mill-flus li kienet daħlet mill-bejgħ tal-proprjetà;*
- *Illi l-appellanti kienet għaddiet lid-Dipartiment diversi riċevuti relattivi għal dawn ix-xogħlijiet;*

*Illi f'din l-istess nota ta' sottomissjonijiet hemm indikazzjoni illi d-Dipartiment aċċetta li l-appellanti nefqet is-somma globali ta'* ***€84,677.38*** *u li skont l-istess prospett l-appellanti kellha dħul bejn is-sena 2003 u 2007 ta'* ***€149,080****, iżda skont l-appellanti d-dħul li kellha kien ta'* ***€132,774****, għaliex l-appellanti ma kellha l-ebda dħul mill-kuntratt datat 22 ta' Ġunju 2005, anzi għall-kuntrarju l-appellanti kienet ħarġet is-somma ta' xogħlijiet minnha mwettqa skont l-istess kuntratt. Għaldaqstant, l-appellanti tissottometti li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni ta' dawn l-ispejjeż u tar-riċevuti ppreżentati, jirriżulta b'mod ċar illi l-appellanti m'għandiex riżorsi li jeċċedu l-limitu ta' €14,000;*

*Illi fl-14 ta' Mejju 2019, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva n-nota risponsiva mill-appellat Direttur fejn id-Direttur Ġenerali, irreveda l-każ u l-ħlas żejjed tnaqqas minn €33,436.78 għal €22,337.89 għar-raġuni li l-ammont ta' ħlas żejjed li qed jinġabar huwa għall-perijodu ta' bejn is-7 ta' Jannar 2006 u t-30 ta' Settembru 2010 minflok sat-28 ta' Settembru 2012;*

*Illi l-Arbitru wara li ra r-riċevuti ppreżentati mill-appellanti kif ukoll n-nota ta' sottomissjonijiet, huwa tal-opinjoni li minkejja l-inkapaċità tal-appellanti sabiex tipprovdi riċevuti biex tissostanzja l-mod li biha hija nefqet is-somma ta' €26,332.62, wieħed m'għandux għalfejn ikollu kwalifiċi ekonomiċi sabiex jifhem li l-appellanti kienet tirċevi biss Lm40 fix-xahar bħala manteniment mingħand żewġha, sabiex tmantni lilha nnifsha u żewġ ulieda, kif ukoll fl-istess waqt kellha tħallas l-ispejjeż relattivi għal kostruzzjoni taż-żewġ appartamenti fuq il-fond li kien ġie lilha b'wirt. Għaldaqstant huwa evidenti li l-bilanċ li kien fadal mid-dħul kienu qegħdin jintnefqu sabiex l-appellanti ssostni lilha nnifisha u lil uliedha li kienu jgħixu magħha;*

*Illi l-Arbitru wara li qies il-fatti kollha huwa tal-opinjoni li l-appellanti verament m'għandix kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita mil-liġi."*

## **L-Appell**

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-4 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tal-1 ta' Ottubru, 2012, filwaqt li ressaq dawn iż-żewġ aggravji, li l-Arbitru: (a) għamel apprezzament ħażin tal-provi prodotti; (b) naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

## **Ir-Risposta tal-Appell**

6. Min-naħa tagħha l-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha, bl-ispejjeż tal-appell odjern kontra l-appellant.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

8. Meta jispjega l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant filwaqt li jirrikonoxxi li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tevalwa mill-ġdid il-provi, kien neċessarju li l-Qorti tagħmel proprju dan fil-każ odjern għaliex kien ċar li l-Arbitru kien uża d-diskrezzjoni tiegħu ħażin b'mod li kienet ser ssir inġustizzja u kien ser jinħoloq preċedent ikrah. L-appellant jissottometti li minkejja li huwa kien ippreżenta lill-Arbitru provi li ma kinux iħallu dubju li l-appellata teċċedi l-iskala, l-Arbitru xorta waħda ddeċieda favur tagħha. L-appellant jispjega li mir-rendikont li tagħti l-appellata, jirriżulta li (a) qabel ma hija kienet bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, hija kellha fuq isimha żewġ proprjetajiet, li waħda minnhom ġiet mibjugħa u l-oħra kienet taħt kostruzzjoni, u b'hekk hija kellha proprjetà ta' valur ta' €26,787.79 (<u>Lm11,500.00</u>) u kapital ta' €76,869.32 (<u>Lm33,000.00</u>); (b) meta bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, il-proprjetà li kienet f'isimha u li kienet qed isservi bħala r-residenza tagħha, fil-fatt kienet tikkonsisti f'żewġ appartamenti; (ċ) wara li bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, l-appellata kellha f'isimha żewġ proprjetajiet fejn waħda minnhom ġiet mibjugħa lil terzi għall-prezz ta' €55,904.96 (<u>Lm24,000</u>). L-appellant jissottometti li dan kollu kien juri li l-appellata kienet teċċedi l-iskala ta' <u>€14,000.00</u> (<u>Lm6,000.00</u>). Jgħid li min-naħa tagħha hija sostniet li r-rikavat kien intefaq f'bżonnijiet neċessarji, fosthom l-ispejjeż għall-kostruzzjoni taż-żewġ appartamenti. L-appellant

ikompli jgħid li l-appellata ippreżentat rendikont, iżda dan huwa ma kienx qabel miegħu u għalhekk huwa kien ippreżenta prospett fejn indika lill-Arbitru liema kienu dawk l-irċevuti li setgħu jittieħdu inkonsiderazzjoni. L-appellant isostni s-segwenti: (a) ma setgħetx tittieħed inkonsiderazzjoni d-donazzjoni ta' €6,988.12 (Lm3,000.00) li l-appellata Grech għamlet lil uliedha fis-sena 2006; (b) il-prospett tiegħu erronjament ma kienx ħa inkonsiderazzjoni l-ammont sħiħ li l-appellata Grech kienet tat lil żewġha u anki d-dejn li hija kienet ħallset skont il-kuntratt ta' separazzjoni; u (ċ) huwa kien indika permezz ta' nota tal-5 ta' Frar, 2018, li ma setgħux jittieħdu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż tal-ħajja. B'hekk hu jgħaddi sabiex jelenka l-ammonti rispettivi tal-ispejjeż li kellhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, filwaqt li jissottometti li xorta waħda l-appellata kienet teċċedi l-iskala. L-appellant jgħid li meta wieħed inaqqas l-ispejjeż kollha fl-ammont ta' €52,904.73 (Lm22,712.00) mir-rikavat ta' €76,869.32 (Lm33,000.00), kien jifdal bilanċ ta' €23,964.59 (Lm10,288.00), filwaqt li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni li skont kif kien jirriżulta mill-konvenju tat-2 ta' Marzu, 2006, u minn evalwazzjoni tal-irċevuti, fil-5 ta' Jannar, 2006 iż-żewġ appartamenti kienu nbnew u sa kważi xahrejn wara li hija bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, hija kienet diġà sabet xerrejja prospettivi. Issottometta li l-appellata kellha bilanċ ta' €23,964.64 (Lm10,288) u anki żewġ appartamenti fuq isimha b'valur ta' €55,095.00 (Lm24,000) kull wieħed, fejn wieħed minnhom kien qiegħed jew kien ser jibda jintuża bħala r-residenza tagħha. Għalhekk kien ġie stabbilit b'mod inekwivoku li hija kienet u baqgħet teċċedi l-iskala ta' €14,000. Dan għaliex hija sussegwentement biegħet wieħed mill-appartamenti u jekk jitnaqqas ukoll l-ammont li hija ddikjarat li nefqet ta' €41,766.01 (Lm17,930.15) mir-rikavat ta' dak il-bejgħ flimkien mar-rikavat tat-

tieni bejgħ, kien jifdal bilanċ ta' €38,103.61 (Lm16,357.85). L-appellant jissottometti li l-Arbitru naqas ukoll milli jagħmel evalwazzjoni tar-rendikonti bankarji maħruġa minn HSBC, minn fejn kien saħansitra jirriżulta li l-appellata kienet irċeviet diversi ammonti ta' flus li jinstabu mmarkati bħala *HSBC Fund Management* u li huwa jissuspetta li kien id-dħul mir-rikavat tal-bejgħ kif investit. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-fatt li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318. Filwaqt li huwa jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet relattivi fit-Taqsima II u IV tat-Tieni Skeda ta' dak l-Att u għall-artikolu 30 ta' dik il-liġi, jirrileva li mhux biss l-Arbitru naqas milli japplika dawn id-dispożizzjonijiet, iżda saħansitra wkoll naqas għalkollox milli jsemmihom. Jekk min-naħa l-oħra li kieku l-Arbitru ħadhom inkonsiderazzjoni, huwa kien isib li l-appellata kienet qiegħda teċċedi l-iskala stabbilita ta' €14,000. Jirrileva li l-Arbitru kellu wkoll l-obbligu li jevalwa r-rifużjoni mitluba mid-Direttur Ġenerali appellant a tenur tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318. B'hekk l-Arbitru kien naqas milli japplika dawn id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi u *di più* l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont l-obbligu impost fuqu permezz tas-subartikolu 108(9).

9. Fir-risposta tagħha l-appellata tilqa' billi tgħid li kif inhu sew magħruf, din il-Qorti ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti sakemm ma jirriżultawx fatti gravi li jitolbu li hija tintervjeni. Issa fil-każ odjern l-Arbitru għamel valutazzjoni korretta ta' dak li kien irriżulta u għalhekk ma kien hemm xejn x'jiġi ċċensurat. L-appellata minn hawnhekk tgħaddi sabiex tagħmel diversi sottomissjonijiet fir-rigward tal-kontenut tar-rikors tal-appell: (a) il-prospett a *fol.* 108b kien tħejja mid-Direttur Ġenerali appellant innifsu u

mhux mill-appellata; (b) l-appellant kien qed jiskarta l-ispejjeż magħmula mill-appellata matul is-snin 2006 u 2007, kif ukoll dawk l-ispejjeż li kienu bla data, filwaqt li huwa kien aċċettahom fil-proċeduri quddiem l-Arbitru u dan ma setax isir fl-istadju tal-appell; (ċ) l-appellant issa qed iressaq ukoll is-sottomissjoni li mill-konvenju tat-2 ta' Marzu, 2006, u mill-irċevuti esebiti mill-appellata kien jidher li l-appartamenti kienu diġa' nbnew f'Jannar 2006 meta l-appellata kienet qiegħda tirċievi l-Għajnuna Soċjali, u għal darb'oħra tissottometti li dan ma setax isir fl-istadju tal-appell, filwaqt li tgħid ukoll li l-ispejjeż komplew isiru wkoll wara d-data ta' Jannar 2006; (d) b'riferiment għall-kuntratt tat-22 ta' Ġunju, 2005, fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, tissottometti li hija ma kienet daħlet xejn, anzi ħarġet is-somma ta' €6,988.00 (Lm3,000.00), għaliex filwaqt li l-prezz tal-bejgħ kien ta' €16,306.00 (Lm7,000.00), hija kienet ftiehmet max-xerrejja sabiex jiżviluppaw il-proprjetà mibnija sottostanti għall-prezz ta' €23,293.00 (Lm10,000.00) u d-dħul kien proprju ta' €132,774.00 miż-żewġ kuntratti l-oħra tal-20 ta' Lulju, 2004, u tas-6 ta' Novembru, 2006, li minnu kellha titnaqqas is-somma ta' €84,677.38 rappreżentanti spejjeż indikati u aċċettati mill-appellant fil-prospett *a fol.* 108b, sabiex b'hekk jibqa' bilanċ ta' €48,096.62 li minnu kellha titnaqqas is-somma ta' €2,329.00 (Lm1,000) rappreżentanti d-differenza fil-prezz tal-appalt u b'hekk il-bilanċ kien ta' €45,767.62; (e) kellu jitnaqqas minn dak il-bilanċ l-ammont ta' €5,823.00 (Lm2,500.00) li hija kienet ħallset lil żewġha fuq il-kuntratt ta' firda konsenswali u l-ammont ta' €8,152.00 (Lm3,500 ċirka) li hija kienet ħallset lill-BOV skont il-klawsola 9(ċ) tal-istess kuntratt, u dan saħansitra kien qed jaqbel miegħu l-appellant; (f) l-appellant kien ħa inkonsiderazzjoni iż-żmien qabel ma l-appellata bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, iżda ma kkunsidrax

li fl-istess żmien għamlet ukoll diversi spejjeż skont l-irċevuti li ppreżentat u li jammontaw għal €36,232.12; (g) qabel ma bdiet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, l-appellata kienet tirċievi biss Lm40 bħala manteniment mingħand żewġha għaliha u għaż-żewġ uliedha, filwaqt li tħallas l-ispejjeż għal kostruzzjoni taż-żewġ appartamenti u għalhekk saħansitra daħlet f'dejn ma terzi li tħallas mid-dħul li hija għamlet mill-kuntratt ta' bejgħ tal-20 ta' Lulju, 2004; (h) id-deċiżjoni tal-Arbitru li jaċċetta l-ispejjeż inkorsi mill-appellata, kienet waħda tajba legalment għaliex fl-ewwel lok l-Arbitru għaraf li dawn kienu saru verament u meta l-appellata Grech kienet ħallset għalihom, hija ma kinitx qed taħseb li ser tiġi bżonn l-irċevuti sabiex tippreżentahom fil-proċeduri odjerni, u għalhekk ma kinitx insistiet li jkunu fiskali. L-appellata tagħlaq billi tirrileva li l-Arbitru kellu l-opportunità sħiħa li jisma' x-xhieda *viva voce* u li jevalwa l-komportament tagħha, u b'hekk fid-diskrezzjoni tiegħu ddeċieda li jagħtiha affidabilità. Din kienet waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex b'mod ġenerali qorti ta' reviżjoni ma twarrabx l-apprezzament magħmul fl-ewwel istanza, jekk mhux għal raġuni gravi, liema raġuni ċertament ma tirriżultax fil-każ odjern. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata tissottometti li dan mhu xejn għajr estensjoni tal-ewwel aggravju fejn jekk jiġi stabbilit li l-Arbitru għamel apprezzament korrett tal-provi, kien isegwi li dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat. Isostni li għalkemm kien minnu li l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata kien pjuttost sintetiku u ma daħalx wisq fir-raġunijiet li wassluh għaliha, mill-istess deċiżjoni wieħed seta' jagħraf sew x'kienu dawk ir-raġunijiet. Sostniet ukoll li l-fatt li l-Arbitru ma kienx għamel riferiment għall-artikolu 30 tal-Kap. 318 u għat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda, ma kienx inaqqas mill-validità tad-deċiżjoni appellata. Tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha billi

tgħid li l-Arbitru ddeċieda fuq il-provi li kienu ressqu quddiem il-partijiet, mil-liema provi kien jirriżulta li hija ma kellhiex kapital li jaqbeż €14,000 u għalhekk il-prinċipji tal-ekwità ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-deċiżjoni tiegħu.

10. L-Arbitru ma damx wisq jaħseb fuq il-kwistjoni, li din il-Qorti tirrileva li tirrikjedi kawtela stante li si tratta ta' fondi pubbliċi intiżi biss għal dawk il-persuni li huma verament fil-bżonn tagħhom. Għalhekk l-iskala tassew baxxa ta' €14,000.00 li għaliha jipprovdi l-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda kif sewwa josserva l-appellant, l-Arbitru saħansitra jonqos milli jagħmel riferiment għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma applikabbli għall-każ odjern u li kellhom jigwidawh lejn id-deċiżjoni finali tiegħu. Huwa minnu li l-Arbitru għandu d-dover li jiddeċiedi skont il-prinċipji ta' ġustizzja u ekwità, iżda ma jista' qatt iwarrab dak li tipprovdi għalih il-liġi. Għandu jiġi rikonoxxut li meta l-leġiżlatur ipprovda sabiex l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu għandu jara li jitwettqu dawn il-prinċipji, huwa ma kien qed joħloq l-ebda kuntrast bejn l-istess prinċipji u l-liġi u bl-ebda mod ma kien maħsub li l-Arbitru kellu s-setgħa li jwarrab id-dispożizzjonijiet tal-liġi.

11. Il-Qorti ser tibda billi qabelxejn tikkunsidra dak li jipprovdi għalih il-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Għajnuna Soċjali hija regolata permezz tal-artikolu 30, b'dana li l-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' dak l-Artikolu huwa determinat permezz tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda ta' dik il-liġi, fejn dak li huwa rilevanti għall-każ odjern fl-artikolu 1A jgħid kif ġej:

> *"1A. Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 30, għandhom jitqiesu kull proprjetà, dħul jew privileġġ skont kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta'*

*din l-Iskeda; ... u meta jinqabeż il-limitu indikat fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Soċjali għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik l-għajnuna.*

*...*

*2. Il-mezzi li jinġabru jew li jistgħu jinġabru minn kull proprjetà, dħul jew privileġġ kif imsemmi fit-Taqsima II ta' din l-Iskeda għandhom jinħadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi minn 2 sa 5 tal-imsemmija Taqsima II ..."*

11. Il-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II jipprovdi kif ġej:

*"1. Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 20, għandu jitqies:*

*(a) salv kif provdut fil-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqiegħda fi* trust *(minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu persuni impjegati lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jaħdmu għalihom infushom skont dan l-Att, li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi qligħ b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali.*

*Iżda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien,* bonds, stocks, *azzjonijiet u titoli oħra), flus imqiegħda f'xi* trust *u li l-valur kapitali ta' kull proprjeta' immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjeta' fi* trust *(bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qiegħda tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu:*

*(i) €14,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'għadd ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; ...*

*Il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għal Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna;"*

12. Il-Qorti tissenjala li l-liġi applikabbli hija waħda li ma tħalli l-ebda dubju dwar dak li huwa rikjest mill-applikant għall-Għajnuna Soċjali proprju fiż-żmien li hu jew hi tressaq it-talba. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellata għamlet it-

talba tagħha fil-5 ta' Jannar, 2006, u li din intlaqgħet minnufih għaliex l-Għajnuna Soċjali bdiet titħallas lilha b'effett mis-7 ta' Jannar, 2006. Iżda aktar minn sitt snin wara fl-1 ta' Ottubru, 2012, hija rċeviet ittra mingħand l-appellant li l-ħlas kien ser jieqaf.

13. Fit-talba li hija ppreżentat lill-appellant għall-għoti tal-Għajnuna Soċjali, l-appellata ddikjarat li hija kienet tirrisjedi fil-post numru 61, Ix-Xatt, Kalkara, u li ma kellha l-ebda riżorsi kapitali jew dħul għajr l-istess residenza tagħha u karozza tal-għamla Maruti 800. Saret dikjarazzjoni kif tindika n-nota tal-*welfare officer* fuq l-aħħar paġna tal-formola relattiva, li hija kienet biegħet il-fond numru 38, Ix-Xatt, Kalkara, filwaqt li r-rikavat nefqitu billi għaddiet Lm4,000 lil żewġha u ħallset għall-bżonnijiet tal-ħajja, u wkoll spejjeż oħra, l-aktar għat-tibdil strutturali u għall-għamara fir-residenza tagħha li hija kienet wirtet mingħand ommha.

14. Il-Qorti mill-ewwel issib diskrepanza bejn dak li ddikjarat l-appellata fil-formola tat-talba għall-Għajnuna Soċjali u dak li attwalment kienu r-riżorsi kapitali u d-dħul tagħha. Mill-kuntratt tal-bejgħ tal-20 ta' Lulju, 2004, magħmul fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa, u li kopja tiegħu ġiet ippreżentata quddiem l-Arbitru, jirriżulta li huwa minnu li hija kienet biegħet il-fond numru 38, The Strand, Kalkara, li f'dak l-att ġie indikat bħala r-residenza tagħha għal dawk l-aħħar tliet snin. Iżda jirriżulta mill-kopja tal-iskrittura privata li wkoll tinstab fl-atti, li xahrejn wara li ppreżentat it-talba tagħha, l-appellata iffirmat konvenju fit-2 ta' Marzu, 2006, għall-bejgħ tal-apparatament numru 1, li kien jinstab fil-blokk ta' żewġ appartamenti li kien iġib in-numru 61 fi Triq ix-Xatt, Kalkara,

għall-prezz ta' €55,904.96 (Lm24,000.00). L-att finali sar fis-6 ta' Novembru, 2006, fejn filwaqt li ġie indikat li l-appellata tirrisjedi fil-fond 61, Ix-Xatt, Kalkara, ġie indikat ukoll li hija kienet ilha tirrisjedi fl-imsemmi fond għal dawk l-aħħar tliet snin u li l-bejgħ kien qed isir mingħajr l-arja sovrastanti li baqgħet proprjetà tagħha. Dan irid jiġi wkoll ikkunsidrat fid-dawl ta' dak li ġie miftiehem fil-kuntratt ta' bejgħ u ta' appalt tat-2 ta' Ġunju, 2005, magħmul quddiem in-Nutar Anthony Grech Trapani, fejn l-appellata filwaqt li biegħet lill-kumpanija C.M.G. Developers Limited mil-livell ta' dak il-fond sa ħdax-il filata 'l isfel għall-prezz ta' Lm7,000, inkarigat lil dik il-kumpannija sabiex tiddemolixxi l-fond innifsu u minfloku tibni terran u mezzanin bil-prezz ta' Lm10,000 li minnhom paċiet il-prezz ta' Lm7,000 fuq imsemmi, filwaqt li ntrabtet li tħallas aktar tard il-bilanċ ta' Lm3,000. Dan filwaqt li għall-ħabta tas-7 ta' Ottubru, 2003, hija kienet diġà ppreżentat applikazzjoni mal-MEPA għal *"alterations at ground floor construction of two overlying apartments".*

15. Għal xi raġuni l-appellata qatt ma ppreżentat kopja tal-pjanti tal-iżvilupp mehmuża mal-kuntratt ta' bejgħ u ta' appalt, iżda din il-Qorti ssib li l-appellata fil-ġurnata li ppreżentat it-talba tagħha għall-Għajnuna Soċjali, kienet proprjetarja ta' żewġ appartamenti, wieħed minnhom li jġib in-numru 2, eventwalment użat bħala r-residenza tagħha, u anki l-arja sovrastanti. Meta l-Qorti tqis li ftit xhur wara l-appellata biegħet wieħed mill-appartamenti bil-prezz ta' €55,904.96 (Lm24,000.00), tgħid li mingħajr dubju fid-data tat-talba tagħha tal-5 ta' Jannar, 2006, ir-riżorsi kapitali tagħha kienu jeċċedu l-minimu ta' €14,000 stabbilit mil-liġi u għalhekk it-talba tagħha qatt ma setgħet tintlaqa' dakinhar. Il-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba l-applikazzjoni tal-

appellata ma setgħetx tiġi kkunsidrata, lanqas illum ma tista tikkontendi li sussegwenti għal dik l-applikazzjoni kienu jeżistu ċirkostanzi fejn ir-riżorsi kapitali tagħha ma kinux jeċċedu €14,000. Jekk iċ-ċirkostanzi tal-appellata kienu sussegwentement inbidlu b'mod li r-riżorsi kapitali tagħha ma baqgħux l-istess u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha marret għall-agħar, hija kellha kull dritt li terġa' tagħmel talba oħra, iżda dak li kien invalidu mill-bidu bl-ebda mod ma seta' jiġi validat sussegwentement.

16. Din il-Qorti tagħraf li għalhekk l-ewwel deċiżjoni tal-Arbitru kienet tajba, meħud ukoll inkonsiderazzjoni l-ftit informazzjoni li kellu quddiemu, iżda li kienet biżżejjed sabiex twasslu għaliha. Sfortunatament kif sabet din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru, 2015, Appell nru 14/2013, id-deċiżjoni tal-Arbitru ma kinitx motivata sew u għalhekk il-proċeduri reġgħu marru quddiem l-Arbitru, din id-darba bl-inkarigu mogħti lil ħaddieħor. Il-Qorti ssib li d-deċiżjoni tat-tieni Arbitru ftit li xejn kienet motivata u t-tentattiv tal-appellata li tiżvija rnexxa għaliex l-Arbitru jidher li ntilef jikkonsidra l-irċevuti u d-dokumenti oħra numerużi li ġew ippreżentati minnha u ddeċieda l-każ abbażi tad-dħul u tal-ħruġ tagħha fis-snin bejn 2003 u 2007. Dan meta l-eżerċizzju tiegħu kellu jkun wieħed pjuttost sempliċi.

17. Il-Qorti tikkunsidra li hija tista' tieqaf hawn fl-eżami tal-vertenza odjerna, iżda jidhrilha li jkun xieraq li tagħmel konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar il-mod kif ġie trattat il-każ quddiem l-Arbitru, li wasal għal deċiżjoni mod ieħor. Tgħid li fl-eżami ta' dawk l-irċevuti u d-dokumenti l-Arbitru naqas billi m'għamilx eżami dettaljat u sew tagħhom fid-dawl ta' dak li kienet daħlet u

ħarġet l-appellata. Qabelxejn għandu jingħad li l-Arbitru skarta kompletament ir-rendikonti bankarji li ġew ippreżentati meta dawn, meħud inkonsiderazzjoni l-fatt li wħud mill-irċevuti ppreżentati mill-appellata huma bla data u oħrajn mhumiex fiskali, kienu l-aqwa prova tal-introjtu u tal-infiq attwali tagħha. L-Arbitru naqas li jikkonsidra l-ammonti, li minn dawk ir-rendikonti bankarji relattivi jirriżulta, mhux biss dak li l-appellata ħarġet, iżda wkoll dak li hija rċeviet. Il-Qorti tosserva li fosthom hemm diversi ammonti li daħlu fil-kont bankarju tagħha miżmum mal-HSBC u li huma indikati bħala *"HSBC FUND MANAGEMENT DIRECT CREDIT",* kif ukoll l-ammont ta' Lm5,052.53 li hija rċeviet fil-kont bankarju miżmum mal-BOV fl-1 ta' Ottubru, 2005, fejn hemm indikat *"deposit VFM"* u żewġ ammonti oħra ta' Lm3,004.50 u ta' Lm9,000.00 li ġew ikkreditati fil-kont fl-20 ta' Settembru, 2004 u fl-20 ta' Ottubru, 2004, rispettivament, fejn hemm notament ieħor *"CAPITAL DISPOSAL"*. L-Arbitru naqas ukoll li jikkonsidra fejn mar parti mill-bilanċ tar-rikavat mill-bejgħ tal-fond numru 38, Triq ix-Xatt, il-Kalkara, fl-ammont ta' Lm17,000, meta l-appellata Grech żbankatu fl-20 ta' Lulju, 2004, u dan fid-dawl ta' dak dikjarat fil-formola tat-talba tagħha għall-Għajnuna Soċjali, jiġifieri *"...li minnhom għaddiet Lm4,000 lil żewġha u l-kumplament nefqithom fi bżonnijiet tal-ħajja u fi spejjeż oħra, speċjalment fi tibdil strutturali u għamara għad-dar li wirtet mingħand ommha, 61, Ix-Xatt, Kalkara".* Dan l-ammont waħdu wkoll għandu jitqies li jwassal sabiex ir-riżorsi kapitali tal-appellata kienu u baqgħu jeċċedu l-minimu stabbilit mil-liġi matul il-perijodu sħiħ li tħallset l-Għajnuna Soċjali. L-Arbitru naqas ukoll li jikkonsidra li filwaqt li l-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat fis-26 ta' Ottubru, 2003, ma hemm l-ebda ftehim għall-ħlas ta' manteniment, l-appellata ma offriet l-ebda raġuni għaliex hija kienet waqfet milli taħdem.

Barra minn hekk, kif setgħet l-appellata tippretendi li jiġi kkunsidrat il-fatt li hija kienet qiegħda tikri fejn toqgħod, meta kellha saħansitra mhux wieħed iżda żewġ fondi a dispożizzjoni tagħha u li fil-ħin tal-bejgħ tagħhom hija ddikjarat li kienet qiegħda tirrisjedi fihom. Fl-aħħar nett il-Qorti tirrileva li ma tirriżulta l-ebda motivazzjoni li fuqha tista' tistrieħ il-konklużjoni tal-Arbitru li l-ammont ta' €26,332.62 intefaq b'mod li hija setgħet tmantni lilha nnifisha u lil uliedha, filwaqt li tħallas l-ispejjeż ta' kostruzzjoni taż-żewġ appartamenti. Hawnhekk għandu jingħad li kellu jsir eżami bir-reqqa ta' kull spiża magħmula għaliex ċertament ma kienx l-iskop tal-liġi li persuna li tpoġġi lilha nnifisha f'sitwazzjoni ta' bżonn, tingħata l-Għajnuna Soċjali.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellant huma ġustifikati u tilqagħhom.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tal-istess Direttur Ġenerali appellant tal-1 ta' Ottubru, 2012, b'dana li s-somma tal-ħlas żejjed għandha tkun dik li minn jeddu d-Direttur Ġenerali appellant wara reviżjoni tal-każ tal-appellata, iddikjara permezz ta' nota tat-13 ta' Mejju, 2019, ippreżentata fl-atti tal-Arbitru, hija ta' €22,337.89 (tnejn u għoxrin elf, tliet mija, sebgħa u tletin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu).**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**